**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.**

**Illum 25 ta' Lulju 2020**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Fabian Fleri)**
**(Spettur Mario Xiberras)**
**(Spettur Lydon Zammit)**

**vs**

**Michael Borg**

Il-Qorti

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imsemmi Michael Borg, ta' 42 sena, iben Michael u Josephine nee' Gerada, imwieled il-Pieta' nhar is-17 ta' Lulju, 1978 u residenti gewwa 18, Triq Turu Rizzo, Gzira u detentur tal-karta ta' l-Identita' bin-numru 345278(M).

Akkuzat talli:

1. Talli f'dawn l-ahhar jiem gewwa Malta u f'dawn il-Gzejjer assocja ruhu flimkien ma' persuna ohra bil-ghan li jaghmel delitt jew delitti f'Malta li ghalihom hemm il-piena ta' prigunerija u li ma' kienx delitt taht l-Att dwar l-Istampa skond artikolu 48A(1)(2)(3)(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Talli nhar l- 22 ta' Lulju 2020, ghal habta ta' 08:00 hrs ta' filgħodu fi Triq il- Wied ġewwa B' Kara u / jew vicinanzi, flimkien ma' persuna oħra, ikkommettejt serq ta' flus kontanti, liema serq huwa kwalifikat bil-valur li jeccedi l-elfejn tlett mija u disa' w ghoxrin Euro u sebgha' w tletin centezmu (€2329.37) ghad-dannu tal- kumpanija Izibet u /jew ta' persuna/i ohra skond artikoli 261(c), 267, 279(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi issoprima jew b'xi mod qered jew biddel it-tracci jew l-indizji ta' dan ir-reat skond l-artikolu 111(2)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti, giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti, giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384, 385 u u 412 C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta ta' dawn il-persuni hawn fuq indikati.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum minn din il-Qorti bhala Qorti Struttorja l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li nghata zmien biex jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni min-naha n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat, u min-naha l-ohra l-koperazzjoni tieghu mal-pulizija, l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri, l-fedina penali ta'l-imputat u l-fatt li l-flus misruqa gew rifuzi kwazi kollha.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 48A, 261(c), 267, u 111(2)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah **sentejn prigunerija li b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal perjodu ta' erbgha snin**. In oltre u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28H ta'l-istess Kapitolu 9 qed tordna lill-imputat biex **fi zmien sitt xhur ihallas lis-socjeta Izibet is-somma ta' elfejn Euro (2,000)**.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u l-konsegwenzi jekk jikkkommetti reat iehor fi zmien erbgha snin u jekk ma jhallasx is-somma indikata fiz-zmien sitt xhur.

**DR. DOREEN CLARKE LL.D**
**MAGISTRAT**